*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti ta' seduta numru 8 tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 25 ta' Awissu 2015 fis-6:00p.m.*

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.)<br>Joseph Cutajar (J.C.)<br>Joseph Baldacchino (J.B.)<br>Leanne Grech (L.G.)<br>Josette Busuttil (J.B.)<br><br>Stanley Zammit (S.Z.) |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |
| Skuzati | Herman Reuben Schiavone (H.S) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 0

---

**Agenda ghal-laqgha :**

1 Qari u approvazzjoni ta' minuti
2 Arisings mill-Minuti
3 Korrispondenza
4 Approvazzjoni ta' Balance Sheets Finanzjarji
5 Korrispondenza lir-residenti tal-Qajjenza
6 Approvazzjoni ta' hlasijiet
7 Approvazzjoni ta' petty cash
8 Approvazzjoni ta' works orders/ purchase orders
9 Rendikont ta' Attivitajiet
10 Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Agent Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/interventi mill-Kunsilliera
11 Affarijiet ohra
12 Aggornament

Is-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**08/01** **<u>Qari u Approvazzjoni ta' minuti</u>**

08/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduti precedenti, seduta numru 5 u 7, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija.

08/02 Is-Sur Kevin Barun ressaq korrezzjoni li is-Sur Joseph Cutajar ghandu jiġi immarkat skużat.

08/03 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondata mis-Sur Hermann Schiavone il-minuti tas-seduta numru 5 gew unanimament approvati

08/04 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

08/05 Is-Sinjuri Josette Busuttil u Leanne Grech gibdu l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali illi fil-minuti numru 7 kien jidher li kien hemm xi komunikazzjonijiet li kienu ressqu huma nieqsa. Ghaldaqstant, gie deciz illi l-minuti jigu approvati fis-seduta segwenti.

**08/02** **<u>Arisings mill-Minuti</u>**

08/02/01 Is-Sindku Kevin Barun tkellem rigward l-oil spills li kienu sehhew. Huwa informa lil Kunsill li wara laqghat li kellu ma Transport Malta u mas-CPD, irriżulta li f'kaz ta Oil Spills diġà multi stabbiliti, iżda l-fond taghhom m'ghandux aċċess ghalih il-Kunsill. Huwa informa ukoll li ser jitwaqqaf kumitat apposta, fejn ikun hemm rappreżentanza tal-Kunsill, kif ukoll ser isir Monitoring board biex isir diskussjoni fuq din il-materja. Il-Kunsill gie infurmat li f'kaz ta' danni lill-terzi persuni waqt xi oil spill, dawn ikunu iridu ifittxu huma personalment lil kuntrattur relevanti.

08/02/2 Is-Sindku KB informa li waqt laqgha ma' Transport Malta rigward il-hrug taz-zejt, gie diskuss il-bzonn , li r-residenti / jew diversi rappreżentanti ukoll ikunu involuti fit- Training Drill f'kaz ta' emerġenza. Dan ser jiġi diskuss fil-laqgha ta' nhar il-Hamis li gej.

08/02/03 Is-Sindku KB staqsa rigward il-Wall Mounted Street Light fi Triq id-Duluri li kienet inqalet ghax kienet qed taghmel hsara f'faccata ta' residenza privata, u fejn kien hemm talba sabiex ma terġax titwahhal, iżda issir fuq arblu. Il-Kunsill ma qabilx li din ghanda issir fuq arblu. Il-Vici Sindku Joe Cutajar irrimarka li ser jiehu hsieb il-materja billi ikellem lir-residenti involuti.

08/02/04 Is-Sindku KB tkellem rigward il-moll tar-ramla. Huwa irrimarka li l-fond tal-UIF jammonta ghal madwar €40,000 u ghaldaqstant dan il-progett jista jsir permezz ta dawn il-fondi. Il-Kunsill qabel u żied li ghandu jibda l-process, sabiex ikun lest sas-sajf li gej.

08/02/05 Is-Sja Josette Busuttil irrimarkat li l-organizzatur tal-attivitijiet ma hallasx lil compere, minhabba nuqqas ta' fondi. Il-Kunsill qabel li dan mhux aċċettabbli.

08/02/06 Is-Sja Leanne Grech irrimarkat li l-~~kancell~~ xatba li jinsab faċċata tal-Kazin tal-Partit Laburista garbet xi hsarat u li ghanda bżonn titranġa. Il-Kunsill qabel li din ghanda titranġa

| | |
|---|---|
| 08/02/07 | Is-Sur Stanley Zammit saqsa rigward ic-cint ta fejn il-Klabb tal-Bocci li hemm bżonn jiġi trangat. Il-Vici Sindku informa li qed jistenna xi risposti fuq dan ix-xoghol. |
| 08/03/08 | Is-Sur Stanley Zammit fakkar li hemm bżonn isir it-tindif tal-Widien. Il-Vici Sindku Joe Cutajar irrimarka li dan ser isir bil-haddiema assenjati mal-Kunsill fil-granet li gejjin. Huwa kompla żied li l-water culverts tan-naha tax-xatt tnaddfu kollha permezz tal-istess haddiema. Baqa bissa tan-naha ta fuq, fl-area maghrufa bhala tal-Papa. |
| 08/03/09 | Is-Sur Stanley Zammit ghamel referenza ghal Minuta 07/09/09 – Rigward id-Devoluzzjoni tal-Propjeta fi Triq Zaren Dalli. Is-SE informa li ghad m'ghandu l-ebda risposta. |

**08/03** **Korrispondenza**

| | |
|---|---|
| 08/03/01 | Is-Sindku ressaq komunikazzjoni fejn l-Ghaqda Storja u Kultura talbet lil-Kunsill sabiex ghall-Korteo tat-8 ta` Settembru, il-Kunsill igib il-banda tal-iscouts ghall-prezz ta` €180. Il-Kunsill qabel li ghandu jhallas nofs l-ispiza, sa €90. |
| 08/03/02 | Permezz ta` ittra datata 10 t'Awwissu 2015, is-Sur Mark Bugeja mill Mellieha Athletic Club, talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tkun tista issir il-girja Annwali, li taghddi minn Birzebbuga. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, bil-kundizzjoni li titnaddaf ir-rotta minn flixken u skart iehor li jiġi iġġenerat. |
| 08/03/03 | Permezz ta` ittra datata 23 t'Awwissu 2015, is-Sur Henry Bonnici mis-Socjeta Filarmonika San Pietru, Banda Birzebbugia, talab li tittella attività Christmas Village, b'kollaborazjoni mal-Kunsill. Il-Kunsill approva il-hlas ta' mobile toilets ghall-attivta, bil-kundizzjoni li l-attivita ma tittellax fuq iz-zuntier. |
| 08/03/04 | Permess ta` e-mail, datata 23 t'Awwissu 2015, is-Sur Darren Abdilla talab sabiex juża l-wesgha fi Triq Carmelo Caruana, ghal attività sportiva internazzjonali, fejn ser jinstaqu daghjjes bir-*remote control.* Il-Kunsill approva l-uzu tal-post, bil-kundizzjoni li l-attivita issir matul il-gurnata. |
| 08/03/05 | Permezz ta` e-mail datata 14 t'Awwissu ms-Sur Robert Attard (Koordinator, European week of Sports). Primarjament s-Sindku fakkar lill-Kunsillier li r-ramel tal-picc tal-Bajja s-Sabiha ghadu ma wasalx. Nelfrattmep is-Sur Attard jixtieq jorganizza xi attaivitajiet bejn is-7 u t-13 ta Settembru, mill-5pm il-quddiem, fuq ir-ramel, biswit il-picc. Huwa ir-rimarka li kif jasal ir-ramel, icaqlaq l-attivitajiet ghal gol imsemmi picc. Il-Kunsill approva. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir it-tape sabiex jindika iz-zona li ser tigu użata. Il-Vici Sindku gie assenjat l-inkarigu. |

**08/04** **Approvazzjoni ta` Balance Sheets Finanzjarji**

| | |
|---|---|
| 08/04/01 | Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-Balance Sheets tax-xhur ta April 2015, Mejju 2015, u Gunju 23015. Il-Kunsill approva id-dokumenti imsemmija u sussegwentament gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv. |

**08/05** **Korrispondenza lir-residenti tal-Qajjenza**

08/05/01 Is-Sindku Talab lil Kunsillier Stanley Zammit jiftah il-materja.

08/05/02 Il-Kunsillier SZ ressaq fuq il-mejda abbozz ta ittra li tirrigwardja traffiku u senjalazzjoni relevanti, parkeġġi, u sewqan eċċessiv. L-istess ittra titlob l-koperazzjoni tar-residenti sabiex jiġu notifikati nuqqasijiet li jista jkun hemm fuq dan is-suggett. L-ittra kienet ġiet iccirkolata minn qabel, u ghaldaqstant ġiet mehuda bhala moqrija.

08/05/03 Wara diskussjoni libera, gie maqbul li l-ittra ghanda tiġi imqassra fil-kontenut, jinbidlu id-*deadlines*, u tintbaghat lir-residenti tal-Qajjenza, wara li tiġi iccirkolata lil-Kunsilliera.

**08/06** **Approvazzjoni ta' hlasijiet**

08/06/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti Nru 08/15 ghall-approvazzjoni.

08/05/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondat mis-Sur Stanley Zammit, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti.

**08/07** **Approvazzjoni ta' Petty Cash**

08/07/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' petty cash mahrug matul Lulju u Awissu 2015

08/07/02 Il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija.

**08/08** **Approvazzjoni ta' Works/Purchase Orders**

08/08/01 Is-Segretarju Ezeuttiv ressaq fuq il-mejda lista ta Works order u Purchase Orders.

08/08/02 Wara diskussjoni libera gie maqbul li s-sistema tiġi modifikata nbidel, minhabba li t-tabella ma setatx tkun kompluta f'kull istant.

**08/09** **Rendikont tal- Attivitajiet**

08/09/01 Is-Segreatarju qara ir-rapport ta spejjez relatati mal-Attivitajiet imtellghin mill-Kunsill, Festa Granita. ~~Festa Qarnit,~~ u Festa Zalzett u Birra..

08/09/02 Is-Sindku informa li ghalkemm l-attivitajiet marru tajjeb, dejjem ikun hemm lok ghall-titjib..

08/09/03 Il-kunsill innota wkoll li hemm ..hont partikolari li jridu jiġu kjarifikati

**08/10** **Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Agent Segretarju Ezekuttiv, u mistoqsijiet/ interventi mill-Kunsilliera**

| | |
|---|---|
| 08/10/01 | Is-Sur Kevin Barun ressaq talba tal-Ghaqda Blanzuni sabiex jarmaw stand u jipparteċipaw waqt Festa Qarnit. Il-Kunsill approva unanimament |
| 08/10/02 | Is-Sindku saqsa fuq il-pont li ~~jintrama is-solta hdejn il-Country Style~~ kien armat fil-wesgha Carmelo Caruana. Il-Kunsill qabel li wara li issrlu il manutenzjoni, jerga jintrema shont il-pjanti tal-mepa. |
| 08.10/03 | Is-Sindku ippropona li fi Triq tal-Papa, kantuniera ma' Triq tal-Gebel, issir parti minnha *one way*, sabiex il-fond li jinsab go nofs it-triq jiġi bhal speċi ta roundabout, u b'hekk jitnaqqas ir-risku ta aċċidenti tat-traffiku. Wara diskussjoni libera, il-kunsill qabel li din ghanda tiġi diskussa mal-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsillier Stanley Zammit gie inkarigat jiehu hsieb il-materja. |
| 08/10/04 | Is-Sindku ippropona li Triq il-Bieqja , iddur ma Triq id-Duluri issir kollha one way. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Stanley Zammit ghandu jahdem fuq din il-proposta sabiex jiġi ivverifikat jekk dan huwies possibbli. |
| 08/10/15 | Is-Sindku Informa li l-Kunsill huwa eliġibbli ghall-€2,000 mir-Reggjun ghall-investiment f'kameras tas-sigurta. Il-Kunsill qabel li ghandom isiru fi Triq il-Port Hieles, Triq San Patrizju, Wesgha Ramon Perellos, wahda fiz-zona ta` Benajsa u wahda mar-rikorder eżistenti tal-latrini pubbliċi. |
| 08/10/16 | Il-Vici Sindku JC tkellem rigward il-kwistjoni tal-imwejjed u siġġijiet li jinhargu fuq il-bankini minn stabbilimenti diversi. Il-Kunsill qabel li ghanda tiġi imsejha laqgha bejn l-MTA, il-Lands Department. Sabiex tiġi trattata din il-materja. |
| 08/10/17 | Il-Vici Sindku JC tkellem dwar il-hinijiet ta` ġbir ta skart u li dan ghandu jerga jiġi imfakkar lir-residenti. Is-Sindku propona li dan tiġi miktub fin-newsletter li jmiss. Il-Kunsill qabel ukoll li isiru tabelli / stickers sabiex jitqassmu fil-blokkijiet ta appartamenti, u li dawn ghandhom jitwahhlu fil partijiet komuni sabiex ir-residenti ikunu dejjem infurmati, anke dawk li jikru il-propjeta. |
| 08/10/18 | Il-Vici Sindku JC tkellem dwar iz-zbir tas-sigar u li hemm bżonn cherry picker / high-up. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz jista jiġi inkluż f'xi tender. |
| 08/10/19 | Il-Kunsillier Joe Baldacchino (JB) tkellem dwar il-possibilta ta devoluzzjoni tal-parkegg ta Wied il-Buni. Il-Kunsill qabel li ghandu jevalwa din il-possibilta u jibda il-process. |
| 08/10/20 | Il-Kunsilliera Leanne Grech (LG) tkellmet iktar rigward minuta 08/10/16, fejn anke qed jinhargu imwejjed u siġġijiet go spazji ta` parkeġġi. |
| 08/10/21 | Il-Kunsilliera LG ressqet talba minghand l-Agenzija Zaghzagh sabiex jaghmlu arti fuq 2 bankijiet. Il-Kunsill qabel li din l-arti ghanda issir fuq xi bord tal-injam, u mhux dirett fuq il-bankijiet |
| 08/10/22 | Il-Kunsilliera LG ressqet talba sabiex il-ground jinxteghel sabiex jilabu fih it-tfal. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. |

KB

| | |
|---|---|
| 08/10/23 | Il-Kunsilliera LG saqsiet dwar l-iskate park. Gie irrimarkat li din hija xewqa tal-Kunsill, u li l-progett huwa wiehed fil-hsieb li jwettaq il-Kunsill ladarba ikun hemm il-fondi neċessarji. · Il-Kunsilliera LG irrimarkat li imminenti li sadanittant jitneħħa l-perikli. |
| 08/10/24 | Il-Kunsilliera Josette Busuttil irrimarkat il-problemi li qed jinholqu il-bandli minhabba loghob bil-ballun u ġiri bir-roti fil-berah, u li dan ghad iwassal ghal xi aċċident, kif diġà gara. Hija issuġġeriet fencing. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li bil-fencing, tkun qed tissanzjona dawn l-atti. Il-Kunsillier SZ irrimarka li f'kaz ta aċċident irid isir rapport l-ghassa. |
| 08/10/25 | Il-Kunsilliera Josette Busuttil irrimarkat fuq il-qtuh ta haxix tal-widien. Gie innutat li din il-amterja ġiet diskussa diġà f'minuta 08/10/19 |
| 08/10/26 | Il-Kunsilliera Josette Busuttil saqsiet jekk jistax isiru festini zghar f'certu zoni pubblici fil-Qajjenza. Hija ġiet infurmata li dan jista jsir, sakemm ma jizgumbrax l-access ghall-pubbliku. |
| 08/10/27 | Il-Kunsilliera Josette Busuttil saqsiet dwar id-dwal tal-Qajjenza, u xi bozoz li jistaw jiżdiedu, fejn jistaw jithallsu mill-San Lucjan Oil. Il-Kunsillier JB irrimarka li f'kaz tal-ahhar, l-ewwel ghadhom jidhlu il-fondi. Fir-rigward ta' nuqqas ta' dawl, dan huwa riżultat ta' xogholijiet fit-triq, u li ghandaqstant ser jitranġa fil-futur qarib. |
| 08/10/28 | Il-Kunsilliera Josette Busuttil saqsiet dwar il-One way ta' Triq Cachia Zammit. Il-Kunsillier responsabbli SZ irrimarka li l-pjanti lesti u gew sottomessi lil-TM ghall-approvazzjoni. |
| 08/10/29 | Il-Kunsillier Stanley Zammit informa bil-hsieb tal-Kunsill rigward l-attivita Kulturali, u Memo 22/2015 tad-DLG rigward l-istess suġġett. Huwa inform li ser issir laqgha mal-ghaqdiet. |
| 08/10/29 | Il-Kunsillier SZ informa li l-post mortem tal-festa ghadu ma sarx |
| 08/10/30 | Il-Kunsillier SZ talab li jsir kors bażiku fuq First Aid, bhal ma sar fil-passat, ghall-Ghaqdiet / rappreżentanti taghhom. Il-Kunsill qabel, u issuġġerixxa li jipparteċipaw anke membri tal-Kunsill u l-impjegati. |
| 08/10/31 | Il-Kunsillier SZ tkellem dwar l-AED Machine li ġiet mghoddija lil Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga iressaq it-talba lil Kummmissarju sabiex din tinżamm fl-ghassa tal-Pulizija, minhabba li huwa l-iktar post centrali, u accessabli 24 siegha. |
| 08/10/33 | Il-Kunsillier SZ tkellem dwar li jsiru 3 hargiet fil-widien, u li qed jikkoordina mal-Kunsilliera JB. |
| 08/10/34 | Il-Kunsillier SZ propona li jsiru numru ta' attivitajiet fiz-zoni differenti ta Birezebbuga, fejn l-iskop huwa li jiġi esibit, b'xi mod jew iehor, l-istorja ta dik iz-zona partikolari. Il-Kunsill qabel mal-proposta |
| 08/10/35 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu l-hsieb tieghu li jibda ristrutturar f'sezzjonijiet differenti tal-Kunsill. Huwa issuggerixxa li b'effett immedjat tinholoq sistema ta internal memos, sabiex deċiżjonijiet zghar jittiehdu b'iktar effiċjenza. Il-Kunsill qabel. |

08/10/36 Is-Segertarju Ezekuttiv informa li l-infrastruttura tal-IT tal-Ufficju Amminsitarttiv, kemm network, kemm hardware kif ukoll software hija wahda antikwatissima u nieqsa minn hafna aspetti. Il-Kunsill qabel li jalloka baġit ta €5,000 sa biex isir l-aggornament li hemm bżonn.

08/10/37 Is-SE ressaq fuq il-mejda il-kuntratt tal-kera tal-garaxx li jikri il-Kunsill fi Triq Santa Marija. Il-Kunsill qabel li ir-rata hija gholja wisq, u ghaldaqstant ghandu jiftah id-diskussjoni mas-sid sabiex possibbilment jiġu riveduti ir-rati.

**08/11 Affarijiet Ohra**

08/11/01 Ma kienx fadal iktar materji ghad-diskussjoni.

**08/13 Aggornament**

08/13/01 Is-Seduta intemmet fit-8:50p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar it-Tlieta 15 ta' Settembru 2015 fis-6:00p.m

**Kevin Barun**
**Sindku**

Data: 15/9/2015

**Svetlick Flores**
**Segretarju Ezekuttiv**

KB